497

PA

10 ta' Dicembru 2017

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
12 DEC 2017
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/7684/16* |
| *Lokazzjoni:* | *Site at Tal-Palma, Mgarr, Malta* |
| *Proposta:* | Regeneration of disused residence. Works include demolition of existing and construction of new dwelling. Proposed footprint in equivalent to circa 100 sqm, whilst existing is equal to circa 131 sqm |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Richard Tua**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant Richard Tua jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2016, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 7684/16.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fil- 15 ta' Novembru 2017, l-istess Kummissjoni irrifjutat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-binja mertu tal-kaz odjern hija binja legittima.

1.2 Illi skont l-RPDG 2014 "legally established" hija definita bhala:

*Unless specified otherwise in the policy document, the term 'legally established' refers to any intervention, including land-use change and land reclamation covered by development permission or that which is visible on the 1978 aerial photographs.*

1.3 Illi giet prezentata evidenza ampja illi il-binja attwali kienet tintuza bhala residenza. Illi dawn il-provi juru bic-car illi f' din ir-residenza kienu jabitaw il-familja Chetcuti. L-appellant ser iressaq provi addizjonali sabiex ikompli juru ir-rabta bejn il-familja Chetcuti u il-binja mertu tal-kaz odjern.

1.4 Illi certament illi s-sitwazzjoni fattwali tal-binja de quo taghti drittijiet legittimi u drittijiet kweziti a favur ta' l-appellant, u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' l-appell. Illi dawn id-drittijiet ma jistghux jigu injorati u huwa car illi r-raguni tar-rifjut hekk kif ikkomunikata lill-appellant hija fattwalment u legalment zbaljata ghaliex l-Awtorita qatt ma setghat tasal ghall-konkluzjoni illi l-applikazzjoni tmur kontra dak provdut fil-policy 6.2C tal-RPDG 2014 unikament peress li ma intweriex illi l-istess binja kient tintuza bhala residenza qabel is-sena 1992.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita u jordna illi jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.
2. Konsulenti ta' l-appellant.

Bir-Rispett,

(X,Y,Z) ARCHITECTURE & DESIGN
WARRANT NO. P21

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

**(X,Y,Z) Architecture & Design**
**c/o Perit Daniel Micallef**
**45, Triq F.S. Caruana,**
**Birkirkara**